DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/466

tal-21 ta' Marzu 2018

li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK [1] dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2019.

(3) Jenħtieġ li tiġi emendata d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal erba' persuni elenkati fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK.

(4) Jenħtieġ li sitt persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK.

(5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/172/PESK tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2019.";

(2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).

ANNESS

1. Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li jidhru hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
2.	"Suzanne Saleh Thabet	Mart is-Sur Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, *ex*-President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu. Data tat-twelid: 28.2.1941 Mara	Assoċjata ma' Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, li huwa soġġett għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.
4.	Heidy Mahmoud Magdy Hussein Rasekh	Mart is-Sur Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-*ex* President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 5.10.1971 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Alaa Mohamed Hosni Elsayed Mubarak.
6.	Khadiga Mahmoud El Gammal	Mart is-Sur Gamal Mahamed Hosni Elsayed Mubarak, bin l-*ex* President tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu Data tat-twelid: 13.10.1982 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji jew għal proċess ta' rkupru ta' assi mill-awtoritajiet Eġizzjani wara sentenza finali tal-qorti fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Gamal Mohamed Hosni Elsayed Mubarak.
19.	Elham Sayed Salem Sharshar	Mart is-Sur Habib Ibrahim Eladli Data tat-twelid: 23.1.1963 Mara	Persuna soġġetta għal proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-miżapproprijazzjoni ta' Fondi tal-Istat abbażi tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni, u assoċjata ma' Habib Ibrahim Eladli."

2. Fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, jitħassru l-entrati li jikkonċernaw il-persuni li ġejjin:

7. Ahmed Abdelaziz Ezz,
8. Abla Mohamed Fawzi Ali Ahmed Salama,
9. Khadiga Ahmed Ahmed Kamel Yassin,
10. Shahinaz Abdel Aziz Abdel Wahab Al Naggar,
11. Ahmed Alaeldin Amin Abdemaksoud Elmaghraby,
12. Naglaa Abdallah El Gazaerly.